MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru 955/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Christopher Pullicino)**
**(Spt. Mario Bonello)**
**vs**
**Noel Aquilina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Noel Aquilina** ta’ 29 sena, bin Mario u Michelina nee’ Bajada, mwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Dicembru, 1975, residenti f’ 62, Triq id-Dejqa, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 40976(M);

Talli nhar is-6 ta’ Gunju, 2002 fil-Hamrun, ikkommettejt serq ta’ diversi oggetti minn gewwa l-hanut bl-isem ‘Econominal Stationary’ sitwat fi Triq il-Kbira San Guzepp, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-

mitt lira Maltin izda huwa anqas minn elf lira Maltin u sar ghad-detriment ta’ Eric Cutajar;

Aktar talli f’dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ hsara fil-bieb principali u x-shutter tal-istess hanut ghad-dannu ta’ Eric Cutajar liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500;

Aktar talli kkommettejt reat/delitt li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 19 t’Ottubru, 2000;

U fl-ahharnett talli fl-istess data u cirkostanzi irrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kont misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza, u ghalhekk il-kawza tirrizulta pruvata u ssib lill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b) u (c), 263, 267, 278(2), 235(1)(b), 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Wara li saru r-ricerki mehtiega, u peress illi jkun aktar addatat, tqieghed lill-imputat, taht ordni tas-servizz fil-kommunita’ tul ta’ mija u hamsin siegha xoghol skond l-annessa formola skond il-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------